

ir-rikorrent fost l-uffiċjali fil-grad AST 6, mhux attestati, li ġew promossi għall-grad AST 7 u, min-naħa l-oħra, sa fejn din fiha l-isem ta' uffiċjal ieħor;

— tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

#### Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2013 — ZZ vs ECB

(Kawża F-99/13)

(2013/C 367/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew

#### Suġġett

Annulament tar-rapport ta' evalwazzjoni għas-sena 2012 u tad-deċiżjonijiet li ttehdju abbażi tiegħu, flimkien mal-għoti tad-danni morali subiti.

#### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla l-evalwazzjoni għas-sena 2012 tar-rikorrent;
- jekk ikun il-każ, jannulla d-deċiżjoni tat-18 ta' April 2013 li tiċħad it-talba għal reviżjoni amministrattiva u d-deċiżjoni tat-23 ta' Lulju 2013 li tiċħad l-ilment;
- jannulla kull deċiżjoni meħuda abbażi tal-evalwazzjoni illegali għas-sena 2012;
- tikkundanna lill-konvenut jikkumpensa d-dannu morali mġarrab evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 10 000;
- tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

#### Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2013 — ZZ vs EEAS

(Kawża F-101/13)

(2013/C 367/74)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenuta: EEAS

#### Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tad-19 ta' Diċembru 2012, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013, li ma tingħatax iktar l-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja prevista fl-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal lill-uffiċjali assenjati fir-Repubblika tal-Mawrizju.

#### Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 kull allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja fil-konfront tar-rikorrenti fis-sens tal-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal;
- tikkundanna lill-EEAS għall-ispejjeż.

#### Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2013 — ZZ vs EMA

(Kawża F-103/13)

(2013/C 367/75)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot, avukati)

Konvenut: EMA

#### Suġġett

Annulament tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-karriera tar-rikorrent, li jirrigwarda l-perijodu mill-15 ta' Settembru 2010 sas-16 ta' Jannar 2012.

#### Talbiet tar-rikorrent

- tannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent fir-rigward tal-perijodu bejn il-15 ta' Settembru 2010 u l-15 ta' Settembru 2012 kif iffinalizzat fis-16 ta' Jannar 2013;
- tannulla, sa fejn huwa meħtieġ, id-deċiżjoni tat-2 ta' Lulju 2013 tad-Deputat Direttur Eżekuttiv tal-EMA, li parzjalment tiċħad l-ilment tiegħu tas-6 ta' Marzu 2013 kontra d-deċiżjoni ċċitata iktar 'il fuq;
- tikkundanna lil EMA għall-ispejjeż.